# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 434/14/1 JVC**

**Domenica Grech, u b'digriet tad-9 ta' Mejju 2019 l-atti ġew trasfużi f'isem Grazia Corrente, Rosaria Corrente, u Geatana Coniglio, Carmelo Corrente, Carmela Rosaria Corrente u Rita Corrente li jiġu mart u wlied id-defunt Anastasio Corrente u dan *stante* l-mewt ta' Domenica Grech fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Antonio Ruggier, u b'digriet tat-22 ta' Diċembru, 2020 *stante* l-mewt ta' Antonio Ruggier l-atti ġew trasfużi f'isem Maria Ruggier**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Maria Ruggier, eredi universali tal-konvenut Antonio Ruggier li miet fil-mori tat-terminu għall-appell, minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla (aktar 'l isfel imsejjħa "l-

Ewwel Qorti") mogħtija fil-5 ta' Ġunju, 2020 li permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi u ordnat l-iżgumbrament minn fond ġewwa Triq Melita, Valletta, li fih kien jiġi ġestit negozju mogħti lill-konvenut b'legat mill-ante kawża tal-attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf ippreżentat fl-20 ta' Mejju, 2014, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mill-attriċi Domenica Grech kontra l-konvenut Antonio Ruggier, l-attriċi ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "Illi l-esponenti hija l-propjetarja tal-fond 91 u 92 Triq Melita, gia' Triq Brittania, Valletta, mixtri minn zewgha Deodato Grech waqt iz-zwieg permezz ta' kuntratt ippubblikat fis-26 ta' Jannar 1962 minn-Nutar Antonio Galea, kopja Dok A u dana kwantu ghal nofs indiviz in kwantu formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti stabbilit miz-zwieg taghha mieghu fis-27 ta' Dicembru 1961 (kopja certifikat taz-zwieg anness bhala Dok B) u n-nofs l-iehor in kwantu eredi ta' zewgha in forza tat-testment tieghu ricevut minn Nutar Giuseppe Sammut fit-29 ta' Gunju 1971, kopja Dok C liema testment gie modifikat b'testment iehor ricevut mill-istess Nutar fit-12 ta' Lulju 1971, kopja Dok D.
>
> Illi bis-sahha tat-Tieni Artikolu tac-citat testment tat-12 ta' Lulju 1971, zewgha Deodato Grech kien halla:
>
> > "b'titolu ta' legat in propjeta wara mewtu fil-proporzjon ta' zewg terzi (2/3) lin-neputi tieghu Antonio Ruggier, bin oht it-testatur Erminia Ruggier u fil-proporzjon tar-rimanenti terz (1/3) lil Paolo Mercieca, impjegat fl-azienda taht imsemmija, l-azienda maghrufa bhala Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory situata fissede bin-numru wiehed u disghin (91) u tnejn u disghin (92) Triq Brittania, Valletta, inkluz l-avviament, l-isem socjali, il-makkinarju u l-attrezzzi u ghodod kollha ivi esistenti kif ukoll il-van tal-istess azienda, il-manufatturati ossia boros jew karta ohra gia processata jew 3 stampata esistenti fl-istess azienda fil-gurnata tal-mewt tat-testatur kif ukoll is-somma ta' hames telef lira (£5000) sterlina biex l-istess legatarji jakkwistaw minghand l-eredi infraskritt stokk ta' karta f'rombli jew xort'ohra, kartun, spag, kolla u linka. It terz mill-imsemmija azienda u somma ghall-istock imholli lil Paolo Mercieca fuq imsemmi qieghed jigi hekk imhobbli b'sens ta' rikonioscenza, stima u kumpens ta' hafna snin

ta' servizz fedelissimu illi l-istess Mercica ippresta lit-testatur fit-tmexxija u gestioni ta' l-istess azienda. L-istess legat ma jinkludix debiti u krediti ta' l-istess azienda fil-gurnata tal-mewt tat-testatur u lanqas capitali u depoziti li jista' jkun hemm f'isem l-imsemmija azienda f'Banek u imkejjen ohra kif ukoll il-beni fejn tigi gestita l-imsemmija azienda. Il-legatarji ta' dana l-lascitu jkunu obbligati jhallsu fil-porzjoni ta' zewg terzi l-imsemmi Ruggier Antonio u fil-proporzjon ta' terz l-imsemmi Paolo Mercieca bhala kondizjoni sine qua non tal-konsegwiment ta' dan il-legat somma ta' hames mitt lira (£500) fis-sena lill mart it-testatur Domenica Grech nee Corrente b'titolu ta' vitalizzju tul hajjitha sia jekk l-azienda tibqa gestita fl-imsemmi fond 91/92 Triq Brittania, Valletta sia f'kull post iehor. It-testatur jimponi ukoll bhala kondizzjoni ghal konsegwiment ta' dana l-legat illi l-legatarji jakkwistaw kull stock ta' krata u affarijiet ohra in stock bil-prezz fatturat (invoiced value) li jkun fadal ghand l-eredi infraskritta wara li jinqatghu il-hames telef lira (£5000) fil-gurnata tal-mewt tattestatur".

Illi b'kuntratt ippubblikat minn Nutar George Bonello Du Puis fit13 ta' Gunju 1972, l-esponenti Domenica Grech immittiet il-legatarji Antonio Ruggier u Paolo Mercieca fil-pussess ta' dan il-legat. Kopja hija anessa bhala Dok E;

Illi ghal habta tas-snin 1975/1976 Antonio Ruggier kien akkwista s-sehem ta' Paolo Mercieca fl-azienda u baqa' jiggestixxi l-azienda wahda u beda jhallas il-vitalizzju kollu lill-esponenti;

Illi Antonio Ruggier ilu xi snin ma joperax izjed mil-fond 91 u 92 Triq Melita (qabel Triq Brittania), Valletta liema fond ma ghadux jintuza izjed ghal skop industrijali ta' manifattura ta' boros u toilet paper u huwa ghal kollox abbandonat kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Jidher ukoll li l-azienda m'hiex qeghda tigi gestita minn xi fond iehor;

Illi l-esponenti talbet lil Antonio Ruggier jikkonsenja il-fond 91 u 92 Triq Melita Valletta kemm b'ittra datata 13 ta' Gunju 2012, kopja Dok F, kif ukoll b'ittra ufficjali numru 1281/2013 tas-6 ta' Mejju 2013, kopja annessa bhala Dok G izda baqa' inadempjenti

Ghaldaqstant u prevja kull dikjarazzjoni opportuna, l-esponenti titlob bir-rispett kollu li dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija: (a)Tiddikjara u tikkonferma ghal kull buon fini u a skans ta' kull dubju illi l-esponenti Domenica Grech hija l-propjetarja assoluta tal-fond 91 & 92 Triq Melita, qabel Triq Brittania, Valletta.

(b)Tistabilixxi illi l-intimat Antonio Ruggier abbanduna il-fond 91 u 92 Triq Melita, qabel Triq Brittania, Valletta u li l-azienda Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory ma ghadhiex tigi operata u gestita mil-istess fond jew minn xi fond iehor.

(c) Tordna li l-intimat Antonio Ruggier ghandu jaghti lura l-pussess tal-istess fond lill-esponenti wara li jbattlu minn hwejjgu u ghaldaqstant

tordna l-isgumbrament tieghu mil-fond fi zmien qasir u perentorja li jogghobha tistabillixxi".

3. B'<u>risposta maħlufa</u> tal-20 ta' Ġunju, 2014 il-<u>konvenut Antonio Ruggier</u> laqa' għall-azzjoni attriċi billi ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

"I. Illi, in linea preliminari, u ghal finijiet tal-ewwel talba attrici kif dedotta, l-attrici ghandha tressaq prova cara u skond illigi tal-interess guridiku taghha f'din l-istanza, u konsegwentement tat-titolu taghha fuq il-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta;

II. Illi fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghassuespost, m'huwiex minnu li l-esponent abbanduna l-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta – liema fondi ghadhom jintuzaw mill-istess esponent sal-gurnata tallum – u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu michudha;

III. Illi, fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghassuespost, il-legat imholli lill-esponent mid-decujus Deodato Grech permezz tat-testment tat-12 ta' Lulju 1971, konsistenti, fost ohrajn, fl-uzu u fl-uzufrutt tal-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta, ma kienx soggett ghall-kondizzjoni li lazjenda maghrufha bhala Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory tibqa' tigi gestita unikament mill-istess imsemmija fondi – kif pretiz mill-attrici f'din l-istanza – tant illi, skond l-istess imsemmi testment, il-vitalizzju annwali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), ekwivalenti llum il-gurnata ghal €1,164.68, pagabbli mill-esponent lill-attrici, kellu jibqa' hekk pagabbli anke jekk l-imsemmija azjenda tibda' tigi gestita minn fondi ohrajn, u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu michudha;

IV. Illi, fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghassuespost, minkejja li l-esponent tpogga fl-impossibilita' li jibqa' jopera l-azjenda maghrufha bhala Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory unikament minn gewwa l-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta, peress illi l-awtoritajiet kompetenti rrifjutaw li jgeddu l-permessi rikjesti ghal dan liskop, dan wahdu ma jintitolax lill-attrici li titlob lizgumbrament tal-esponent mill-istess imsemmija fondi, billi l-legat imholli lill-esponent mid-decujus Deodato Grech permezz tat-testment tat-12 ta' Lulju 1971, konsistenti, fost ohrajn, fl-uzu u fl-uzufrutt tal-istess fondi, kien, ghadu, u jibqa' veljanti, u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu michudha;

V. Illi, fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghassuespost, il-legat imholli lill-esponent mid-decujus Deodato Grech permezz tat-testment tat-12 ta' Lulju 1971, konsistenti, fost ohrajn, fl-uzu u fl-uzufrutt tal-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta, jista' jintilef biss fic-cirkostanzi kontemplati fil-ligi, senjatament fl-Artikolu 378 et sequitur

tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), liema cirkostanzi ma jirrizultawx fil-kaz odjern, u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu michudha;

VI. Illi, fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghassuespost, il-legat imholli lill-esponent mid-decujus Deodato Grech permezz tat-testment tat-12 ta' Lulju 1971, konsistenti, fost ohrajn, fl-uzu u fl-uzufrutt tal-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta, kien soggett biss ghal zewg kondizzjonijiet, kif indikat fl-istess imsemmi testment, ossija li jigi akkwistat l-istock bil-prezz fatturat, u li jithallas vitalizzju annwali ta' hames mitt lira Maltin (Lm 500), ekwivalenti llum il-gurnata ghal €1,164.68, mill-esponent lill-attrici tul hajjitha kollha – liema zewg kondizzjonijiet gew u ghadhom qieghdin jigu osservati mill-esponent sal-gurnata tallum – u mhux ukoll, ghalhekk, ghal kondizzjonijiet ohrajn, kif pretiz mill-attrici f'din l-istanza, nkluz li l-azjenda Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory tibqa' tigi gestita, u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu michudha;

VII. Illi, fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghassuespost, minkejja li, fir-rikors guramentat promutorju taghha, l-attrici tallega li l-esponent ilu snin ma joperax mill-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta, l-istess attrici xorta wahda baqghet sallum taccetta l-hlas tal-vitalizzju annwali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), ekwivalenti llum ilgurnata ghal €1,164.68, minghand l-esponent (DOK: A), kif kontemplat fit-testment tat-12 ta' Lulju 1971, liema accettazzjoni tammonta ghal rinunzja cara ghal kwalunkwe dritt ta' azzjoni li seta' talvolta kellha l-istess attrici ghallizgumbrament tal-esponent mill-fondi in kwistjoni abbazi tal-allegazzjoni li l-esponent m'ghadux jopera mill-istess imsemmija fondi, u ghalhekk it-tielet talba attrici kif dedotta timmerita li tigi michduha;

VIII. Illi, fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu michudha, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza";

4. B'digriet tal-Ewwel Qorti tad-9 ta' Mejju, 2019 l-atti ġew leġittimati f'isem l-atturi odjerni *stante* l-mewt tal-attriċi Domenica Grech fil-mori tal-kawża.

5. B'sentenza tal-<u>5 ta' Ġunju, 2020</u> l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

> “1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;
>
> 2. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tikkonferma li l-attrici kif legittimata fl-atti huma l-proprjetarji assoluti tal-fond bin-numru 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta;
>
> 3. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tistabbilixxi li l-intimat Antonio Ruggier abbanduna l-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta u li l-azjenda Saint George’s Paper Bag 26 and Toilette Paper Factory m’ghadhiex tigi operata u gestita mill-istess fond jew minn xi fond iehor;
>
> 4. Tilqa’ t-tielet talba u tordna li l-intimat Antonio Ruggier jaghti lura l-pussess tal-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta wara li huwa jbattal hwejjgu u ghaldaqstant tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-fond fi zmien massimu ta’ xahrejn minn meta d-decizjoni odjerna ssir res judicata”.

6. Fit-12 ta’ Ġunju, 2020 miet il-konvenut Antonio Ruggier.

7. Fit-23 ta’ Ġunju, 2020 Maria Ruggier, l-armla u l-unika eredi universali tal-konvenut, ippreżentat rikors tal-appell, li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata, tilqa’ l-eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-appellati.

8. Fis-7 ta’ Mejju, 2021 l-atturi appellati Grazia Corrente, Rosaria Corrente, Geatana Coniglio, Carmelo Corrente, Carmela Rosaria Corrente u Rita Corrente ppreżentaw risposta li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponu għal dan l-appell.

**Fatti Rilevanti**.

9. Opportun qabel xejn naraw il-fatti rilevanti li wasslu għal din il-kawża.

10. Meta ġiet intavolata l-kawża odjerna l-attriċi Domenica Grech kienet sid uniku tal-fond 91 u 92, Triq Melita, ġia' Triq Brittania, Valletta. Dan il-fond inxtara minn żewġha waqt iż-żwieġ tagħhom. Żewġha Deodato Grech miet fil-21 ta' Diċembru, 1971 u ħalla lill-attriċi martu eredi universali tiegħu. Ħalla b'titolu ta' legat lin-neputi tiegħu l-konvenut Antonio Ruggier u lil certu Paolo Mercieca 2/3 u 1/3 rispettivament ta' "l-azienda maghrufa bhala Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory situata fis-sede bin-numru 91 u 92 Triq Brittania, Valletta nkluz l-avviament, l-isem socjali, il-makkinarju u l-attrezzi u ghodod kollha ivi esistenti kif ukoll il-van tal-istess azienda, il-manufatturati ossia boros jew karta ohra gia processata jew stampata esistenti fl-istess azienda fil-gurnata tal-mewt tat-testatur kif ukoll is-somma ta' £5000 sterlina biex l-istess legatarji jakkwistaw minghand l-eredi infraskritt stokk ta' karta……………….. L-istess legat ma jinkludix debiti u krediti tal-istess azienda fil-gurnata tal-mewt tat-testatur u lanqas capitali u depoziti li jista' jkun hemm f'isem l-imsemmija azienda f'Banek u imkejjen ohra kif ukoll il-beni fejn tiġi ġestita l-imsemmija azienda."

11. It-testatur obbliga lil-legatarji li jħallsu lill-attrici "bhala kondizjoni sine qua non tal-konsegwiment ta' dan il-legat somma ta' hames mitt lira (£500) fis-sena lill mart it-testatur Domenica Grech nee Corrente b'titolu ta' vitalizju tul hajjitha sia jekk l-azienda tibqa' ġestita fl-imsemmi fond 91/92 Triq Brittania, Valletta sia f'kull post iehor." (sottolinear tal-Qorti). F'xi żmien il-konvenut akkwista s-sehem indiviż l-ieħor tal-*azienda* sabiex spiċċa s-sid uniku tagħha.

12. Minħabba li l-operat tal-*azienda* mill-fond *de quo* kien qed jattira diffikultajiet mal-ġirien, fis-sena 1975 il-liċenzja sabiex l-*azienda* topera minn dak il-fond ma ġietx imġedda mill-awtoritajiet kompetenti u għalhekk il-konvenut kien kostrett jittrasferixxi l-operat tal-*azienda* minn Valletta għall-fond ieħor ġewwa Ħ'Attard. Sadanittant il-konvenut baqa' jħallas lill-attriċi l-vitalizju ta' Lm500 fis-sena. Hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet x'ġara mill-fond ġewwa Valletta *una volta* l-ġestjoni tal-*azienda* mxiet lejn Ħ'Attard. L-attriċi tgħid li l-fond ġie abbandunat, filwaqt li l-konvenut jgħid li beda jintuża bħala maħżen kif ukoll sabiex fih jiġu manufatturati l-*frames* li skont il-konvenut kienet linja ġdida ta' negozju li l-*azienda* intraprendiet. Kien hemm perjodu ta' xi tmien snin li fih il-fond kien inżamm magħluq u ma kienx jintuża.[1]

[1] Ara xhieda ta' Tarcisio Grech a fol. 181 *et seq*.

13. Mill-atti jirriżulta wkoll illi l-*azienda* ilha żmien twil li waqfet topera anke minn Ħ'Attard, filwaqt li l-konvenut miet proprju ġimgħa wara li ngħatat is-sentenza appellata.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

14. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-appellanti, il-konveuta Maria Ruggier (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-appellanti"), tilmenta mid-digriet tal-Ewwel Qorti tad-9 ta' Mejju, 2019 li permezz tiegħu ġiet ordnata t-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem l-atturi odjerni wara l-mewt tal-attriċi oriġinali. Tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta f'dak id-digriet iddeċidiet li ma kinitx meħtieġa l-prova li l-atturi odjerni kienu aċċettaw il-wirt ta' Domenica Grech. Tgħid ukoll illi s-sentenza appellata hija nulla peress li l-atturi odjerni naqsu milli jirreġistraw il-mewt tal-attriċi oriġinali bi ksur tal-ordni lilhom mogħtija mill-Ewwel Qorti.

15. Dwar l-aggravju fejn jingħad li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li ma kinitx meħtieġa l-prova li l-atturi odjerni aċċettaw il-wirt tal-attriċi defunta, jingħad mill-ewwel li dan huwa aggravju manifestament fieragħ.

16. **Artikolu 806 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:

> "Il-werriet jew l-esekutur ta' waħda mill-partijiet, li tmut matul il-kawża, jew kull wieħed ieħor li jkollu nteress, jista' jitlob b'rikors li l-atti tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu, sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti mejta. (sottolinear tal-qorti)".

17. L-aċċettazzjoni ta' wirt tista' tkun espressa inkella taċita. Hija espressa meta wieħed jieħu l-kwalità ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata. Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet. (**Art. 850 Kap. 12**).

18. Mhux meħtieġ li persuna trid tkun tabilfors werriet jew esekutur ta' wieħed mill-partijiet mejta sabiex titlob li l-atti jiġu trasfużi f'isimha. Naturalment trid turi li għandha interess kif jipprovdi l-artikolu appena ċitat. Fil-każ odjern, bil-fatt biss li l-atturi odjerni intavolaw ir-rikors bħala werrieta tad-defunta attriċi sabiex l-atti jiġu trasfużi f'isimhom jammonta għall-aċċettazzjoni tal-wirt tad-defunta almenu għall-assi ereditarji tagħha mertu tal-kawża odjerna.

19. Għalhekk din il-parti tal-ewwel aggravju qed tiġi miċħuda.

20. Fit-tieni parti tal-ewwel aggravju l-appellanti tgħid illi s-sentenza hija nulla peress illi l-mewt ta' Domenica Grech ma ġietx reġistrata ġewwa Malta u li dan in-nuqqas huwa wkoll bi ksur ta' ordni msemmija fid-digriet tad-9 ta' Mejju, 2019.

21. Il-Qorti tinnota illi għalkemm l-appellati jgħidu illi mar-risposta tal-appell tagħhom kienu qed jannettu ċertifikat bħala Dok X bħala prova li l-att tal-mewt Taljan tal-attriċi defunta kien ġie reġistrat ġewwa Malta, l-ebda dokumenti ma ġew annessi mal-imsemmija risposta.

22. Huwa minnu li dan huwa nuqqas, però fil-fehma tal-Qorti ma jwassalx għan-nullità tas-sentenza appellata. Mar-rikors b'talba għat-trasfużjoni u leġittimazzjoni tal-atti, l-atturi odjerni annettew numru ta' dokumenti rilaxxjati mill-awtoritajiet Taljani bħala prova li l-attriċi mietet ġewwa l-Italja fl-4 ta' Mejju, 2017[2] u li l-atturi huma l-eredi tagħha. L-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti ma ġietx ikkontestata. L-appellanti bl-ebda mod ma wriet kif in-nuqqas tar-reġistrazzjoni f'Malta taċ-ċertifikat tal-mewt Taljan iwassal għan-nullità tas-sentenza.

23. **Għaldaqstant issib illi l-ewwel aggravju tal-appellanti ma hux mistħoqq u qed jiġi miċħud**.

24. Il-Qorti ser tgħaddi għat-tielet aggravju peress li jitratta n-natura tal-legat imħolli mid-*decujus* sabiex imbagħad titratta t-tieni aggravju li jirreferi għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li l-fond ġie abbandunat.

[2] Ċertifikat tal-mewt tal-attriċi rilaxxjat mill-Ufficio dello Stato Civile tal-Comune di Sant Agatha Li Battiati.

25. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-interpretazzjoni li tat tad-dispożizzjoni testamentarja referibbli għall-*azienda* meta ddikjarat illi "it-testatur f'dan il-legat assolutament ma semma xejn dwar uzu u uzufrutt fuq il-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta, anzi pjuttost eskluda mil-legat '… il-beni fejn tigi ġestita l-imsemmija azienda." Tisħaq l-appellanti illi l-legat kien jinkludi l-jedd ta' użu tal-fondi mertu tal-kawża tant li l-appellata qatt ma ċaħdet li dan il-legat kien jagħti dritt ta' użu, konfermat mill-fatt li l-fond ilu jintuża mis-sena 1972 u l-attriċi aġixxiet bil-kawża odjerna 48 sena wara. Targumenta l-appellanti illi huwa paċifiku li l-*azienda* Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory ilha ma toperax mill-fondi mertu tal-kawża għal aktar minn 45 sena. Tissottometti għalhekk l-appellanti illi kieku minnu li l-jedd tal-użu tal-fondi kellu jispiċċa hekk kif l-imsemmija fabbrika tieqaf topera mill-post inkwisjtoni, allura "l-kawza odjerna hija hamsa u erbghin (45) sena tard". Tgħid ukoll illi ġaladarba l-vitalizju pagabbli lill-appellata kellu jibqa' jitħallas anke jekk il-fabbrika inkwistjoni ma tibqax tiġi ġestita mill-fondi *de quo*, dan ifisser illi l-legat kien jinkludi l-użu tal-fondi f'Melita Street, Valletta u li "tali uzu ma kienx marbut mal-fatt illi l-fabbrika inkwistjoni kellha tibqa' tigi ġestita mill-istess fond." Tgħid illi l-legat kien soġġett għal żewġ kondizzjonijiet biss, li jiġi akkwistat l-i*stock* bil-prezz fatturat, u li jitħallas vitalizju annwali ta' Lm500 tul ħajjitha kollha, żewġ kondizzjonijiet li Ruggier onora. Tagħlaq dan it-tielet aggravju l-appellanti billi ssostni illi l-legat inkwistjoni kien jinkludi wkoll id-

dritt ta' użu tal-fond mertu tal-kawża irrispettivament jekk l-*azienda* tkunx qed topera minnu b'ġeneru ta' negozju divers.

26. L-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu illi jaqblu mal-Ewwel Qorti illi f'dan il-legat it-testatur ma semma xejn dwar l-użu u l-użufrutt tal-fond inkwistjoni u li pjuttost eskludih mil-legat meta jingħad fit-testment illi eskluż mil-legat hemm "il-beni fejn tigi ġestita l-imsemmija azienda." Jgħidu illi l-attriċi kienet ħalliet lill-konvenut juża l-fond wara li miet żewġha għalkemm it-test tal-legat ma jgħidx speċifikatament illi l-użu tal-fond huwa nkluż fil-legat. Jgħidu illi l-użu u l-użufrutt ta' beni immobbli huwa dritt reali u mhux dritt personali, u bħala tali għandu joħroġ ċar u inekwivoku minn att pubbliku jew testment *ad validitatem*.

27. Jgħidu l-appellanti illi fi kwalunkwe każ il-vertenza hija waħda llum ta' natura akkademika peress illi l-legatarju Antonio Ruggier miet fil-mori ta' dawn il-proċeduri fit-12 ta' Ġunju, 2020.

28. Bħala punt tat-tluq dwar dan it-tielet aggravju opportun niddelinejaw l-elementi kostituttivi tal-jedd ta' użu u użufrutt.

29. L-użufrutt huwa l-jedd reali li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà, bl-obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom

sew fil-materja kemm fl-għamla.[3] L-użufrutt jiġi stabbilit jew mil-liġi jew mir-rieda tal-bniedem; f'dan it-tieni każ, jekk l-użufrutt hu ta' ħwejjeġ immobbli, ma jistax jiġi magħmul ħlief b'att pubbliku, u jekk hu magħmul b'att *inter vivos*, ma jibdiex iseħħ, rigward it-terzi, ħlief mill-waqt li l-att jiġi insinwat fir-Reġistru Pubbliku, fuq talba ta' wieħed mill-interessati jew tan-nutar li jkun irċieva l-att.[4] L-użufrutt jista' jiġi konċess *sia* mingħajr l-ebda kondizzjoni u għal żmien indeterminat *vita durante* u *sia* taħt kondizzjoni jew għal żmien determinat.[5]

30. L-użufruttwarju għandu jedd igawdi, l-istess bħas-sid, il-jeddijiet kollha li s-sid jista' jgawdi;[6] jista' jeżerċita kull azzjoni reali li l-liġi tagħti lis-sid[7], kif ukoll jista' jċedi t-tgawdija tal-jedd tiegħu sew b'titolu gratuwitu kemm oneruż.[8]

31. In tema legali ssir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Mejju, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Concetta Abela et v. Pauline Vella Moran et**:

> "skont il-liġi u kif qalet din il-Qorti fil-kawża **Grech v. Grech** deċiża fil-11 ta' Jannar, 1989: "L-użufrutt huwa l-jedd reali li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetá bl-obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fl-għamla; l-użufruttwarju għandu jgawdi dawn il-ħwejjeġ hekk suġġetti bħala missier tajjeb tal-familja". "Fil-kuntest tat-tifsira tal-kelma "sustanza", din il-Qorti fil-kawża

[3] Art. 328 Kap. 16.
[4] Art. 330 Kap. 16.
[5] Art. 331 (1) Kap. 16.
[6] Art. 343 Kap. 16.
[7] Art. 348 Kap. 16.
[8] Art. 340 Kap. 16.

> klassika fil-materja **Diacono v. Degiorgio Lowe,** deċiża fit-13 ta' Jannar, 1975, osservat li, fil-principju, hu dover tal-użufruttwarju jippreserva l-karattru u d-destinazzjoni tal-fond, b'obbligu li jinqeda bil-ħaġa "l-istess bhas-sid" (Artikolu 343 tal-Kodiċi Ċivili); il-Qorti żiedet li mhux leċitu għall-użufruttwarju ibiddel il-funzjoni soċjali tas-sit. "Kif jgħallem ukoll il-**Laurent** ("**Principii di Diretto Civile**", Vol. VI, para. 327), l-użufruttwarju, "non puo` mutuare il modo di godimento che trova stabilito allorche` entra nell0 usufrutto; .... colui che ha costituito l'usufrutto reputasi, salva stipulazione in contrario, di aver voluto che l'usufruttuario goda come egli ed i suoi autori hanno goduto. L'usufruttuario non ha che un godimento temporaneo; quando il suo diritto cessa, il proprietario rientra nella pienezza del suo; bisogna dunque` che ritrovi un godimento uguale a quello che aveva quando l'usufrutto e` incomminciato".

32. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza għall-każ odjern il-Qorti tibda billi teżamina l-provvedimenti testamentarji rilevanti. L-Ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata illi "It-testatur f'dan il-legat assolutament ma semma xejn dwar uzu u uzufrutt fuq il-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta, anzi pjuttost eskluda mill-legat '… il-beni fejn tigi ġestita l-imsemmija azienda'."

33. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-asserzjoni tal-Ewwel Qorti appena ċitata ma tirriflettiex interpretazzjoni għalkollox korretta tal-legat inkwistjoni fl-isfond tal-fatti kif irriżultaw.

34. Mill-atti jirriżulta illi d-*decujus* Deodato Grech u martu l-attriċi Domenica Grech kienu sidien tal-fond 91/92 Triq Melita ġia' Triq Brittania Valletta. Minn dan il-fond kien jiġġestixxi n-negozju tiegħu Deodato Grech konsistenti fil-manufatturi u bejgħ ta' oġġetti magħmula mill-karta. Kien imexxi n-negozju tiegħu bl-*azienda* magħrufa bħala "Saint George's

Paper Bag and Toilette Paper Factory". Ma jirriżultax illi din l-*azienda* kellha personalità ġuridika distinta minn Deodato Grech. Deodato Grech kien jopera u jiġġestixxi n-negozju tiegħu minn dan il-fond ġewwa Valletta li kien tiegħu u ta' martu.

35. Permezz tat-tieni artikolu tat-testment ta' Deodato Grech tat-12 ta' Lulju 1971[9] huwa ħalla b'titolu ta' legat konsegwibbli in proprjetà wara mewtu "l-azienda maghrufa 'Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory' situata fis-sede bin-numru wiehed u disghajn (91) u tnejn u disghajn (92) Triq Britannia Valletta, inkluz l-avviament, l-isem socjali, il-makkinarju u l-attrezzi u ghodod kollha ivi eżistenti kif uikoll il-van tal-istess azienda………"

36. Ġie espressament eskluż mil-legat id-debiti u l-krediti tal-*azienda*; il-kapital u d-depożiti tal-*azienda* nkluż id-depożiti bankarji u "l-beni fejn tigi ġestita l-imsemmija azienda".

37. Isegwi illi t-testatur ma għaddiex lil-legatarju n-negozju fl-interezza kollha tiegħu iżda llimitah għall-avvjament (*goodwill*), l-isem tal-*azienda*, il-makkinarju, attrezzi, għodod, il-van tax-xogħol, u l-prodotti ġia manufatturati, iżda mhux il-materja prima li kellha tinxtara mingħand l-attriċi b'somma li wkoll tħalliet bħala legat. F'dan il-legat ġie rikonoxxut

[9] Mhux testment *unica carta*.

illi l-*azienda* kienet qed tiġi ġestita fil-fond mertu tal-kawża. It-testatur ma mpona l-ebda terminu li fih il-legatarju kellu jnehhi l-ġestjoni tan-negozju minn dan il-fond. Ma mpona l-ebda ħlas għall-użu tal-fond *una volta* l-*azienda* tgħaddi għand il-legatarji. Il-vitalizju pagabbli lill-attriċi mil-legatarji ma kienx dipendenti dwar il-ġestjoni tan-negozju mill-fond *de quo* iżda kellu jibqa' jitħallas sa mewtha.

38. Il-Qorti għalhekk tqis illi ġaladarba t-testatur għadda lil-legatarji negozju ġestit fil-fond inkwistjoni, kien qiegħed permezz ta' dispożizzjoni testamentarja jikkonċedi wkoll l-użu tal-fond ġaladarba ma mpona l-ebda terminu sabiex il-fond jiġi vakat. Huwa minnu illi l-fond kien jappartjeni lill-konjuġi Grech flimkien u li strettament parti mil-legat kien jikwalifika bħala "legato di cosa altrui", però dan il-legat ġie aċċettat u rispettat mill-armla u ma jirriżultax li l-validità tiegħu ġiet b'xi mod kontestata.

39. Meta t-testatur iddispona illi "L-istess legat ma jinkludix … il-beni fejn tigi ġestita l-imsemmija *azienda*." ma kienx qed jeskludi mil-legat l-użu *ossia* l-ġestjoni tan-negozju fil-fond, imma kien qed jeskludi l-immobbli *qua* proprjetà li allura mal-mewt ta' Deodato Grech il-fond sar proprjetà assoluta tal-attriċi.

40. Għalhekk din il-Qorti tqis illi sa hawnhekk għandha raġun l-appellanti tgħid illi fil-legat kien hemm inkluż l-użu tal-fond *de quo*.

41. Però mill-kumplament tat-tielet aggravju din il-Qorti ma tqisx li l-appellanti għandha raġun. Jidher ċar minn eżami tad-dispożizzjoni testamentarja relattiva illi t-testatur kien qed jikkonċedi l-użu tal-fond sakemm in-negozju li għadda lill-konvenut u lil-legatarju l-ieħor ikunu qed joperaw minnu. Id-dispożizzjoni testamentarja illi l-vitalizju pagabbli mil-legatarji lill-attriċi kellu jibqa' jitħallas tul ħajjitha kollha "sia jekk l-azienda tibqa' tigi ġestita fl-imsemmi fond 91/92 Triq Brittania Valletta sia f'kull post iehor" huwa konferma li l-użu tal-fond kien parti mil-legat. Però mhux bil-mod kif tippretendi l-appellanti illi l-legatarju seta jitrasloka l-operat tan-negozju band' oħra u xorta jibqa' jżomm jedd li juża dan il-fond. Din il-pretensjoni ma tirriżulta minn imkien fit-testment ta' Deodato Grech. M'għandhiex raġun l-appellanti meta fit-tielet aggravju tagħha tinsisti illi l-jedd ta' użu tal-fond ma kellux jispiċċa "hekk kif l-imsemmija fabbrika tieqaf topera mill-post".

42. Dan iwassalna għat-tieni aggravju tal-appellanti fejn tgħid illi ma kienx hemm abbandun tal-fond peress li għajr għall-perjodu ta' tmien snin (*sic*) il-fond kien qed jintuża bħala maħżen u sabiex jiġu manufatturati l-*frames*. Għar-raġunijiet fuq imsemmija dan l-aggravju huwa infondat.

43. L-użu tal-fond it-testatur rabtu mal-manufattura u proċessar ta' prodotti tal-karta. *Una volta* dak in-negozju ġie traslokat għal ġo fabbrika

ġewwa Ħ'Attard il-jedd ta' użu tal-fond da parti tal-legatarju ġie fi tmiemu. Mhix fondata l-pretensjoni tal-appellanti illi l-legatarju seta jibqa' juża l-fond sew bħala maħżen kif ukoll f'ġeneru ta' negozju divers. L-appellanti tittenta torbot il-pretensjoni li l-jedd ta' użu tal-fond ma kienx limitat għan-negozju legat billi tirreferi għad-dispożizzjoni testamentarja fuq ċitata illi l-vitalizju kellu jibqa' jitħallas anke jekk in-negozju ma jibqax jiġi ġestit mill-fond. Fil-fehma tal-Qorti tali dispożizzjoni testamentarja ma għandhiex l-effett li qed tagħtiha l-appellanti għaliex l-iskop tagħha huwa illi tagħmilha ċara li l-ħlas tal-vitalizju ma hux kundizzjonat sakemm il-fabbrika tal-oġġetti tal-karta tibqa' topera mill-fond. Kieku l-leġislatur kellu l-ħsieb li qed tittenta tagħtih l-appellanti ma kellux għalfejn jipprovdi b'dan il-mod. Għall-kuntrarju d-dispożizzjoni testamentarja indizamina proprju turi l-intenzjoni tat-testatur illi l-użu li kien qed jikkonċedi tal-fond kien limitat għall-operat tal-manufattura tal-oġġetti tal-karta u għal xejn aktar.

44. Tqis għalhekk illi għandhom raġun l-appellati jinsistu illi *una volta* n-negozju mogħti b'legat ma baqax jopera u jiġi ġestit minn dan il-fond, il-jedd ta' użu u użufrutt tiegħu da parti tal-konvenut ġie fi tmiemu. Is-sentenza **Concetta Abela et v. Pauline Vella Moran et** fuq ċitata hija ċara dwar il-projbizzjoni li l-użufruttwarju jibdel in-natura tal-użu lilu mogħtija mis-sid.

45. Għalhekk it-tieni u t-tielet aggravju qed jiġu miċħuda.

46. Permezz tar-raba' aggravju tagħha l-appellanti tgħid illi ġaladarba l-attriċi baqħet taċċetta l-vitalizju għal bosta snin wara li l-operat tal-fabbrika tal-prodotti tal-karta ħareġ mill-fond, hija ġiet li irrinunzjat li tfittex għall-iżgumbrament. Tgħid l-appellanti illi ġaladarba l-attriċi baqgħet tirċevi l-vitalizju "matul tant snin minghajr kondizzjoni" minkejja li kienet taf li l-fabbrika mxiet għal band' oħra, jammonta għal "rinunzja cara ghal kwalunkwe dritt ta' azzjoni li seta' talvolta kellha l-istess appellata ghall-izgumbrament".

47. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat. L-appellanti tgħid li l-attriċi irrinunzjat għad-dritt ta' azzjoni. Sewwasew xi jfisser dan l-aggravju mhux ċar. Eċċezzjoni ta' rinunzja ta' dritt ta' azzjoni hija mod ieħor kif tista' ssejjaħ eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jew dekadenza. Però l-appellanti ma ssollevat l-ebda eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u wisq anqas iċċitat xi artikolu tal-liġi in sostenn ta' dan l-aggravju.

48. Kif jgħid **Trabucchi** fix-xogħol tiegħu **Istituzioni di Diritto Civile**[10]: "La fondamentale azione di rivendicazione (rei vendicatio) ha lo scopo di far conseguire al proprietario il possesso definitivo della cosa con ogni suo incremento (cum omni causa). La rivendicazione viene adunque esercitata da chi si pretende proprietario, e non sia in possesso del bene;

[10] 50th Edit. (2022) – paġ. 834.

come tipica azione reale, essa si dirige kontro chiunque possiede o detiene la cosa: ubi rem meam invenio, ibi vindico. Se la rivendica e immobiliare, la trascrizione della citazione fa si che la sentenza avra' effett anche contro coloro che avessero acquistato diritti dal convenuto successivamente alla trascrizione stessa. Come gia ricordato, **l' azione di rivendica e' imprescrittibile.**"

49. L-azzjoni attriċi hija azzjoni ta' sid kontra l-pussessur tal-fond proprjetà tagħha sabiex tirrivendikah. Is-sid jitlef id-dritt li jieħu lura l-pussess tal-fond tiegħu jekk jissubentra dritt petitorju jew dritt possessorju da parti ta' ħaddieħor fuq dak l-istess fond. Kif rajna l-jedd ta' użu tal-fond mertu tal-kawża kien kondizzjonat għall-operat tal-fabbrika tal-prodotti tal-karta. Spiċċa l-operat imsemmi spiċċa l-jedd tal-użu. Dak li seħħ wara t-traslokk tal-fabbrika din il-Qorti tqisu, fl-aħjar ipotesi għall-appellanti, bħala tolleranza da parti tal-attriċi. L-attriċi stess fl-affidavit tagħha ddikjarat illi "Jirrizulta illi Antonio Ruggier ilu hafna snin ma juza l-proprjetà ghat-tmexxija tal-fuq imsemmija attivita' ekonomika tal-karti u boroz. Infatti, l-immobbli ilu jidher ghal snin fi stat ta' dizuz u abbandun." Mhux dettal irrilevanti l-fatt li l-konvenut kien in-neputi tar-raġel tal-attriċi. Mhux irrilevanti lanqas il-fatt illi l-għoti tan-negozju lill-konvenut Ruggier, li ma kienx iben il-konjuġi Grech, turi relazzjoni familjari mill-aktar b'saħħitha li normalment hija riżervata lill-ulied it-testatur u mhux lin-neputi.

50. Ġaladarba l-jedd tal-użu tal-fond spiċċa mat-traslokk tal-fabbrika, u ġaladarba l-konvenut ma ressaq l-ebda eċċezzjoni u/jew prova li kien qed jiddetjeni l-fond inforza ta' xi titolu ieħor; isegwi illi ma kien hemm l-ebda azzjoni li l-attriċi setgħat tirrinunjza għaliha bit-trapass taż-żmien, proprju għaliex l-azzjoni minnha esperita ma hix suġġetta għall-preskrizzjoni. (**Tommaso Sammut v. Carmela Farrugia et** - Prim'Awla - 19 ta' Ottubru, 1954 (mhux appellata). Fi kwalunkwe każ, il-konvenut ma ressaq l-ebda eċċezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva u għalhekk l-aggravju li l-attriċi tilfet il-jedd li tieħu azzjoni minħabba t-trapass taż-żmien ma għandha l-ebda fondament legali (**Maria Debono v. Dolores Portelli** - Appell Superjuri - 22 ta' Ottubru 1954).

51. Għaldaqstant il-Qorti ssib illi anke r-raba' aggravju ma hux fondat u qed jiġi miċħud.

52. Fl-aħħarnett din il-Qorti osservat illi waqt li kien għaddej it-terminu tal-appell wara l-għoti tas-sentenza mill-Ewwel Qorti, miet il-konvenut u l-appell ġie intavolat mill-armla tiegħu. Isegwi illi anke li kieku għas-saħħa tal-argument biss il-konvenut ma tilifx il-jedd ta' uzu tal-fond meta l-fabbrika mxiet lejn Ħ'Attard, xorta waħda l-jedd ta' użu kien jasal fi tmiemu mal-mewt tal-konvenut Antonio Ruggier (**Art. 378 (a) Kap. 16**).

***Decide***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-konvenuta appellanti u għal raġunijiet mhux għalkollox bħal dawk miżmuma mill-Ewwel Qorti, tikkonferma s-sentenza appellata inkwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet attriċi, b'dan illi t-terminu ta' xahrejn għall-iżgumbrament mill-fond 91 u 92, Triq Melita, Valletta għandu jibda jiddekorri mil-lum.

Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenuta appellanti Maria Ruggier.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm